**130. Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, l-Onor. Charles Buhagiar jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:-**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jikri lil *International Institute on Ageing* il-fond 117, Triq San Pawl, fil-Belt Valletta deskritt aħjar fl-abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal 1976, Kap. 268, dwar it-Trasferiment tat Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita 'skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond 117, Triq San Pawl fil-Belt Valletta kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mikri lil *International Institute on Ageing* għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

06.04.1998